MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1265/2010

**Antonia Bugeja**

**-vs-**

**Joseph Spiteri, Matthew Spiteri, u Mario Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fl-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) mietet Marianna Spiteri mart Michele bint Giuseppe Camilleri u l-ħajja Antonia nee Sammut u li b'testment *unica charta* magħmula fl-atti tan-Nutar Philip Said datat is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tal-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) hija ħalliet l-użufrutt ta' ġidha lil żewġha Michele Spiteri, u nnominat b'werrieta tagħha lil erba' uliedha Matthew, Joseph, Mario u Antonia Bugeja fi kwoti

ugwali bejniethom (Dok A –ċertifikat tal-mewt u Dok B – testment).

Illi fl-erbgħa (4) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) f’Malta miet Michele Spiteri, armel ta’ Marianna u kien għamel żewġ testmenti, wieħed *unica charta* magħmul ma’ martu Marianna fl-atti tan-Nutar Philip Said tas-sitta u għoxrin (26) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) (Dok B), u l-ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Abela fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) (Dok C ċertifikat tal-mewt u Dok D testament).

Illi r-riċerki testamentarji tal-istess Marianna Spiteri u Michele Spiteri huma annessi u markati Dok E, Dok F, Dok G u Dok H rispettivament.

Illi fl-imsemmi testment Dok B tal-21 ta’ Ottubru 2005, Michele Spiteri nnomina b’werrieta tiegħu lil uliedu Matthew, Joseph, Mario u Antonia mart Alfred Bugeja fi kwoti ugwali bejniethom, filwaqt li fit-testment Dok D, fit-tieni artikolu, Michele Spiteri ħalla b’titolu ta’ legat a favur tat-tlett uliedu Matthew, Mario u Antonia Bugeja l-*garage / boathouse* li tinsab f’Għar Lapsi limiti tas-Siġġiewi magħrufa bħala “Rebita Boathouse” u t-testatur ried li dan il-legat jiġi eżegwit fl-intier tiegħu u ddikjara li jaf li dan il-legat huwa in parti *di cosa altrui* u kkonferma t-testment preċedenti tiegħu.

Illi għalhekk ir-rikorrenti u l-intimati Matthew u Mario, aħwa Spiteri, għandhom terz indiviż ($^{1}/_{3}$) ta’ dan il-*garage / boathouse* filwaqt li l-partijiet kollha huma eredi universali tal-ġenituri tagħhom.

Illi minkejja interpellati diversi drabi l-intimati naqsru li jidhru quddiem in-Nutara Mary Grech Pace sabiex issir l-immissjoni fil-pussess *stante* li ma hemmx qbil fuq il-valur tal-imsemmija *garage / boathouse* u anke qed jimpedixxu lir-rikorrenti milli tersaq lejn l-imsemmija *boathouse.*

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. *Previa* kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja, tordna lill-konvenuti intimati sabiex jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess sehemha mill-prelegat hawn fuq imsemmi u jikkonsisti fis-sehem ta' terz indiviz ($^{1}/_{3}$) tal-*garage / boathouse* li hija mingħajr numru uffiċjali u li tinsab f'Għar Lapsi limiti tas-Siġġiewi magħrufa bħala "Rebita Boathouse";

2. *Previa* kull dikjarazzjoni li ktun neċessarja tordna li jsir l-immissjoni fil-pussess tal-imsemmiija fil-pussess tal-imsemmija *boathouse*

3. Tillikwida skond il-liġi d-drittijiet u assijiet ereditarji, attiv u passiv, riżultanti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom Marianna u Michele miżżewġin Spiteri, ċjoe' l-awturi tal-kontendenti f'din il-kawża u jaqsam għab-bażi ta' pjan ta' diviżjoni fformolat minn din il-Qorti l-proprjetajiet komuni bejn il-partijiet kollha skond it-testment fuq imsemmija, b'mod li kull wieħed u waħda jiġi assenjat lilhom għas-saldu ta' sehemhom dak riżultanti jew bħala proprjeta' jew jekk ikun il-każ wara bejgħ b'liċitazzjoni bejn l-istess partijiet;

4. Tinnomina għal dan il-fini Perit biex jagħmel stima tal-*garage / boathouse* hawn fuq imsemmija u r-rimanenti assi u jekk ikun il-każ, jirrediġi pjan ta' qasma sabiex kemm il-prelegati, kif ukoll l-assi rimamenti jiġu assenjati lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti, eredi tal-konjuġi Spiteri, skond kif intqal.

5. Tinnomina Nutar, preferibbilment lill-istess Nutara Mary Grech Pace, biex tippubblika l-att ta' diviżjoni u tal-immissjoni fil-pussess tal-prelegat fuq imsemmi, skond kif jirriżulta lil din il-Qorti, f'ġurnata, lok u ħin li tordna din il-Qorti u taħtar kuraturi biex jidhru għall-asssenti u / jew kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Matthew Spiteri u Mario Spiteri, ippreżentata fit-20 ta’ Jannar 2011, li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu li l-kawża tressqet qabel waqtha għaliex huma qatt ma rrifjutaw li jqedgħu lill-attriċi fil-pussess tal-legat lilha mħolli u għalhekk isostnu illi l-kawża odjerna saret inutilment u l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-attriċi li pprovokat l-istess kawża;

Illi l-esponenti jopponu għat-talba tal-attriċi sabiex issir id-diviżjoni kif ukoll għall-bejgħ b’liċitazzjoni tal-imsemmi *garage / boathouse* u dan *stante* li permezz ta’ dikjarazzjoni bid-data tal-25 ta’ Marzu 2009 annessa u mmarkata bħala Dok MS1, l-attriċi u l-esponenti ftehmu kif għandu jkun regolat l-eventwali trasferiment tal-ishma rispettivi tagħhom mill-*garage / boathouse* magħrufa bħala “Rebita Boathouse” li tinsab f’Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi, u dan wara li bħala legatarji jkunu ġew immessi fil-pussess tal-legat lilhom imħolli;

Illi l-esponenti jeċċepixxu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-proprjeta’ oġġett ta’ din il-kawża, b’mod partikolari iżda mhux biss il-*garage / boathouse* magħrufa bħala “Rebita Boathouse” li tinsab f’Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi, mhix faċilment diviżibbli f’porzjonijiet ugwali bejn l-attriċi u l-esponenti;

Illi l-unika kontestazzjoni li teżisti bejn il-kontendenti hija dwar il-valur tal-imsemmi *garage / boathouse* magħrufa bħala “Rebita Boathouse” li tinsab f’Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti, Matthew Spiteri u Mario Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Spiteri, ippreżentata fis-27 ta' Jannar 2011, li permezz tagħha eċċepixa:

Illi qatt m'oġġezzjona li jsir l-immissjoni tal-pussess tal-prelegat, anzi kienet l-attriċi li rrifjutat li ssir diskussjoni dwar l-immissjoni tal-pussess u b'hekk l-intimat m'għandux jiġi kkundannat l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Joseph Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' April 2011 minn fejn jirriżulta li l-att ta' qasma in kwistjoni kien ġie pubblikat u għalhekk kien baqa' jiġi deċiż biss il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-unika vertenza li trid tiġi deċiża f'din il-kawża hija dwar il-kap tal-ispejjeż għaliex il-partijiet iwaħħlu f'xulxin fir-rigward ta' kellhiex issir il-kawża jew ir-raġuni għaliex saret.

Illi normalment il-Qorti takkolla l-ispejjeż lil dik il-parti li tkun ikkaġunat il-kawża jew li jkollha tort fil-vertenza. F'kawża ta' qsim ta' wirt jew xi kwistjoni relatata magħha huwa *invece* normali li l-ispejjeż jiġu spartiti skond l-ishma rispettivi tal-partijiet.

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Debrincat vs Cassar"** (deċiża fil-25 ta' Frar 2005) *"f'kawża ta' diviżjoni bħax-xorta in eżami, ma jistax*

*jingħad li hemm parti telliefa jew rebbieħa għas-sempliċi raġuni illi l-qasma tal-beni tkun saret skond il-ligi u dan fl-interess ta' kulħadd".* Huwa ukoll evidenti li kull parti għandha kull dritt tirrikorri għall-Qrati sew bħala attur jekk tistitwixxi l-proċeduri, sew bħala konvenut jekk il-proċeduri jiġu istitwiti fil-konfront tagħha, biex tassikura ruħha li tieħu dak li huwa spettanti lilha. Għalhekk jekk fil-fatt is-sehem ikun ukoll viċin ta' dak li ġie offrut mill-parti l-oħra ma jfissirx li b'daqshekk għandu jeħel l-ispejjeż kollha tal-kawża. Kif ikkonkludiet is-sentenza ċitata, spejjeż ta' kawzi simili għandhom ikunu spartiti skond is-sehem li kull parti jkollha mill-wirt.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-merti tal-kawża, tordna li l-ispejjeż tal-istess kawza jiġu mhallsa kwart ($^1/_4$) minn kull parti, u kwindi kwart mill-attriċi u kwart kull wieħed mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------